MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 21/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar it-Tlieta, 19 ta'Ottubru 2010. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 20/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Laqgha mal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.
6. Skema dwar Attivitajiet Sportivi 2010.
7. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
9. Affarijiet ohra jekk urgenti.
10. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 21/K6/2010

797. M Agius qal li bghat e-mail lis-Sindku ftit jiem ilu jitolbu iressaq il-materja dwar rimi ta' skart irregolari fl-Imsida bħala punt fuq l-Agenda. M Agius saqsa lis-Sindku għala dan il-punt ma ġiex miżjud bħala parti mill-Agenda.

798. Is-Sindku qal lill-M Agius li dan il-punt ser nitkelmuh f'Punt 9 'Affarijiet oħra jekk Urġenti'.

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 20/K6/2010

799. Is-Sindku ressaq il-Minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

780. Dwar minuta 772, E Abela qal li l-kelma 'Kuncizzjoni' għanda tinbidel fil-kelma 'Paroċċa'.

781. Dwar minuta 782(c), E Brincat qal li għandu jiżdied il-kliem fil-bidu tal-minuta "Il-Kunsill ippropona lill-E Brincat biex ikellem…"

782. Dwar minuta 784, M Baldacchino qalet li l-kelma 'Ottubru' għanda tinbidel u ssir 'Novembru'.

783. Is-Sindku ressaq il-minuti 20/K6/2010 għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

784. Dwar minuta 745, fejn il-Kunsill tkellem dwar il-bini mill-ġdid ta' Triq Principesca Margerita u Triq il-Punent, E Brincat saqsa kienx hemm xi żviluppi. Is-Segretarju qal li kellu jmur *site visit* mal-kuntrattur, iżda din kellha titħassar minħabba l-maltemp. Is-Segretarju qal li issa ssir fil-jiem li ġejjin.

785. Dwar minuta 747, fejn il-Kunsill tkellem dwar immaniġjar tat-traffiku fi Triq Victor Denaro, Dott. Grima saqsa sarx progress. Is-Segretarju qal li t-*traffic management* propost mill-Kunsill ġie approvat min Transport Malta, u li issa applikajna għal permess DNO mal-MEPA.

786. Dwar minuta 754, E Brincat qal li t-tiswijiet fir-rampa tas-subway saru.

787. Dwar minuta 776, M Baldacchino qalet li l-applikazjoni għal fondi mill-EU għal tgħalim tal-ICT ma saritx peress li ma kienx hemm żmien biżżejjed.

788. Dwar minuta 761, Dott. Grima saqsa hemmx żviluppi fuq id-divoluzjoni tal-iskola Mater Dei. M Agius qal li bgħat e-mail dwar il-materja u għadu bla risposta. Dott. Grima saqsa ukoll dwar żviluppi fuq il-bozza fuq *is-showroom* 'Arcidiacono'.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Is-Sindku qal li din għada ma saritx għax ma sarx kordinament mal-Pulizija. Is-Sindku qal li għada stess ħa jgħamel il-kordinament neċessarju mal-Ispettur u l-kuntrattur biex din il-bozza teħel f'Novembru.

789. Dwar minuta 762, Dott. Grima saqsa dwar it-tindif tal-Għajn tal-Ħasselin. Dott. Grima qal li l-pressjoni trid issir biex l-Għajn titnaddaf issa u mħux fis-sajf. Is-Sindku qal li saru ħafna rapporti u l-Korporazjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma għamlu xejn. Is-Sindku qal li dan il-punt ser jiġi diskuss f'Punt tal-Aġenda.

790. E Brincat ħareġ mil-laqgħa. Ħin: 18.10

791 (a). 1303 – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega din il-korrispondenza, fejn il-korrispondent qiegħed joffri l-użu ta' parti mill-'Marina Home' bħala *planning gain* jekk il-MEPA tgħatih permess jibni s-sitt sular. Is-Segretarju qal li l-*policy* tal-MEPA tgħid li l-parti mgħotija lill-Kunsill għanda tkun il-*ground floor* u li jekk il-Kunsill jieħu dan is-sular, l-ispejjes biex isiru l-attivitajiet ikunu kollha fuq il-Kunsill, inkluż spejjes ta' dawl u tindif.

792 (b). Dott. Grima qal li jaqbel fil-prinċipju ma din il-possibilta. E Abela qal li jaqbel ukoll, u li kieku jista isir *night shelter*. C Selvaggi propona li titmexxa bi sħab ma' NGO. Hawn M Baldacchino semmiet l-għaqda YMCA li tista tkun lesta taħdem mal-Kunsill fuq din il-materja.

793 (c). Is-Segretarju propona li isir Kumitat fuq din il-materja, sabiex dan jiltaqa ta' spiss sal-laqqħa tal-Kunsill li jmiss, hekk kif ukoll jiltaqa mal-korrispondent. Il-Kumitat ġie iffurmat mis-Sindku, M Baldacchino, E Ablea u Dott. Grima. Dott. Grima propona li l-laqgħat tal-Kumitat isiru wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel.

794. Dwar minuta 765, Dott. Grima saqsa kienx hemm żvilupp dwar it-titlu tal-art fi Triq Censu Farrugia. Is-Segretarju qal li kiteb l-ittra msemmija imma għadna bla risposta.

795. Dwar minuta 773, C Selvaggi qal li mar waħdu ikellem lis-sid tar-rampa msemmija fil-minuta, fejn saqsieħ eżatt x'ser isir. C Selvaggi qal lis-sid biex ma jwaħħalx ir-rampa sakemm din il-proposta tiġi approvata mill-Kunsill. C Selvaggi qal lis-sid iżda qabad u waħħal ir-rampa. C Selvaggi iżda qal li tidher tajba kif ġiet.

796. Dwar minuta 782(a), Dott. Grima qal li ma jafx kif il-Kunsill jista jgħati permess lill-Klabb tal-futbol biex jgħamel tali rampa. Dott. Grima qal li din tista ssir *mechanically foldable* biex b'hekk il-bankina ma tkun qatt ostakolata.

797. Dwar minuta 789, Dott. Grima qal li l-avukat tal-Kunsill jista jikteb lill-Kummisarju jieħu passi legali fuq din id-*dangerous structure*.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

798. Dwar minuta 793, C Selvaggi qal li t-tiswija fil-*boundary wall* saret. C Selvaggi qal li kien irraporta lil Marisa u jidher li saret azzjoni fil-ħin.

Punt 3 Korrispondenza

799. 1533 – Is-Sindku qara l-ittra dwar laqgħa li ser issir mas-CEO tal-*Housing Authority* fix-xahar ta' Novembru sabiex jiġi diskuss il-proġett tal-Housing fi Triq il-Wied.

800. 1547 – Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra. Is-Sindku irrimarka li r-risposta għat-talba ta' kjarifika ingħatat wara kwazi xagħrejn, u li issa l-kuntrattur kien diġa ingħata addenda mal-kuntratt biex jgħamel il-knis bħala xogħol *extra*. Il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni ukoll tal-Kumitat Offerti Publiċi, qabel li joħroġ tender b'emergenza għal dan is-servizz.

801. 1507 – Is-Segretarju spjega li ġie avviċinat min sid ta' kumpanija ġdida tal-infurzar lokali, fejn dan spjegalu kif f'lokalitajiet oħra huma iħarku għal kontravenzjonijiet fuq l-ambjent. Il-Kunsill qabel li nivverifikaw mal-Ufficjal Awtorizzat nistgħux unżaw is-servizzi ta' din l-kumpanija, la darba jidher li l-gwardjani tagħna jidru li jistgħu jgħatu biss *warnings*. Dott. Grima u l-Kunsilliera qablu li din il-problema, ta' rimi ta' skart b'mod irregolari, għanda tiġi indirizzata permezz ta' taħrikiet u mhux sempliċi *warnings* b'mod imminenti. Din hija, sostnew il-Kunsilliera, l-ikbar problema fl-Imsida fil-preżent.

802 (a). 1572 – Il-Kunsill qabel li pingħata permess ta' 'Un/Loading bay fi Triq il-Knisja' sabiex din tintuża darbtejn fil-ġimgħa għal ħin limitat ta' tlett siegħat biss kull darba.

802 (b). Dwar l-applikazjoni mil-ħanut Maypole fi Triq Giuseppi Callejja, il-Kunsill ukoll qabel li pingħata permess għal Un/Loading bay bejn il-ħinijiet ta' 7am sa 7pm kuljum.

803. Is-Segretarju preżenta il-Bye-Law li propona l-Kunsill dwar l-użu ta' xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u konsum ta' l-alkoħol f'postijiet publiċi. Is-Segretarju qal li biex tiġi fis-seħħ din il-*bye-law* irridu nimxu ma Artikolu 35 tal-liġi tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju qara' artikolu 35. Il-Kunsill qabel li jinbeda l-process.

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar

804. Ic-Cermen hegget lill-Kunsilliera jattendu ghall-attivita tat-2 ta' Novembru 2010.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

805. Ic-Cermen qalet ukoll li nhar il-Hamis fil-5.30pm, il-Kumitat ser jiltaqa fil-Kunsill Lokali Msida, u ħeġġet lill-Kunsilliera tal-Imsida jattendu sabiex jiltaqgħu formalment mal-Kumitat.

## Punt 5 Laqgha mal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali

806. Is-Sindku qal li saret laqgha ma raprezentant tal-MRRA, fejn fost ohrajn gie diskuss il-manutenzjoni necessarja fil-funtana ta' quddciem l-Ghassa tla-Pulizija, u sabiex dan ix-xoghol isir mil-MRRA flimkien mal-Kunsill. Gie diskuss ukoll it-tindif tal-Ghajn tal-Hassellin, tal-gibjuni u tindif regolari ta' Triq il-Wied li ghandom isiru mill-MRRA.

## Punt 6 Skema Sports 2010

807. Is-Sindku spjega li l-iskema li ghalija il-Kunsill rebah fondi hija ghal 40 tifel u tifla. Is-Sindku qal li l-konkorrenza ghal din l-iskema kienet ikbar milli mistennija, u filfatt hemm ftit aktar min mitt applikazjoni. Dott. Grima saqsa meta sirna nafu li hemm mitt applikazjoni? Is-Sindku qal li sirna nafu ricentament. Dott. Grima qal lis-Sindku biex darba ohra tissejjah laqgha ta' urgenza. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaccetta li l-applikanti kollha jghamlu il-kors, il-Kunsill ser ikollu jhallas madwar €5000. Il-Kunsilliera qablu li niprovaw ngibu aktar fondi ta' ko-finanzjament, izda li xorta wahda immexxu bil-kors ghall-applikanti kollha.

## Punt 7 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

808. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazjoni. Dott. Grima ssekonda. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dott Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

## Punt 8 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati

809. Mill-Kumitat Offerti Publici, s-Sindku qal li gie diskuss il-hrug ta' tender b'emergenza dwar aktar knis madwar il-Junior Collage u l-Universita u l-kuntratt ta' servizz ta' Contract Manager. Is-Sindku qal li dawn it-tnejn diga qeghdin fil-publiku. Is-Sindku qal li issa daqt jinhargu it-tenders tal-gbir ta' skart u manutenzjoni ta' toroq u bankini.

## Punt 9 Affarijiet ohra jekk urgenti

810. M Baldacchino qalet li s-*central strip* ta' Triq il-Wied issa inkisret aghar milli qatt kienet. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Transport Malta b'kopja lill-Ministru Austin Gatt sabiex isiru it-tiswijiet necessarji.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

811. Is-Sindku qal li ghandu jibda process fejn il-Kunsill jiltaqa mar-residenti kollha tal-Imsida b'mod formali. Il-Kunsill qabel li din tibda min Jannar 2011.

812. Dott. Grima fakkar biex issir it-tabella ta' *Give Way* fi Triq it-Torri, sabiex tidejjaq il-bankina fi Triq it-Torri, sabiex issir pressjoni fuq l-iżbroff ta' drenaġġ fix-Xatt u Triq il-Wied, u biex issir pressjoni ukoll biex tinfetah Triq ta' Xmiexi.

813. M Agius talab li jsir rapport dwar sarta fid-dwal tas-subway. Talab ukoll biex il-Kunsill jesplora il-possibilta li Triq Esperanto u Imhallef P Debono jigu 'Pedestrian Priority'.

814. C Selvaggi fakkar biex issir laqgha mal-kumpanija Vivien Commercials. C Selvaggi qal ukoll li ircieva telefonada mil-MRRA dwar l-ilmenti tar-residenti fuq il-hazna ta' fuel mil-kumpanija AVIS fil-bini taghhom fi Triq ix-Xatt l-Imsida. C Selvaggi qal li mhux bizzejjed li sid in=negozju kien taghna l-karti li ghandu permess. C Selvaggi qal li l-Pulizija ghandhom jiccekjaw jekk ghandux kollox *in regola*. C Slevaggi talab ukoll biex tabella ta' *no entry* fi Triq Achille Ferris titressaq lura.

Punt 10 Aggornament

815. Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss issir nhar it-30 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

816. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.30

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com